

*Marazu - April*
*2018*
*Nru: 412*

# *LEĦEN IL-PARROĊĊA*

## *tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija - Burmarrad*

### *Ġrieħi li Jfejqu*

Il-pjagi – xbieha tat-tbatija u tad-dgħufija tal-umanità – f'Ġesù jsiru sinjal tal-imħabba bla qjies li għandu Alla lejn il-bnedmin meta jaċċetta l-mewt ta' salib għalina biex aħna ngħixu b'dinjità. Hija din l-istess dinjità ta' ulied Alla, li aħna nitilfu minħabba l-għażliet ħżiena tagħna, li Ġesù jrid jerġa' jroddilna permezz tat-tbatija u l-mewt tiegħu fuq is-salib.

Dawn il-pjagi jibqgħu ma' Ġesù anki wara li jqum mill-imwiet bħala sinjali tal-ħelsien li jagħtina permezz tal-imħabba tiegħu. San Tumas, l-appostlu li ħafna drabi nittimbraw bħala dak li ma jemminx, ifittex li jħares u jmiss dawn il-ġrieħi bħala garanzija tal-fidi profonda tiegħu f'Ġesù. Tumas mhux lest li l-fidi tiegħu jibbażaha biss fuq dehra sabiħa ta' glorja mingħajr ma jkun ċert li dan li deher huwa l-istess Ġesù li miet billi ssallab għax iħobb. Hu ma jridx jibni l-fidi tiegħu biss fuq ix-xhieda tal-oħrajn imma jfittex li jagħmel esperjenza tal-ħajja ta' Ġesù hu stess.

Min-naħa tiegħu Ġesù jħeġġu biex il-fidi tiegħu ma tkunx mibnija fuq is-sinjali li jidhru imma fuq ir-relazzjoni intima li l-Mulej irid jibni magħna. F'din ir-relazzjoni hu jagħtina ħajtu stess bħala rigal ta' mħabba u jgħallimna nagħtu lilna nfusna f'ismu biex il-ħajja tagħna l-insara ssir sinjal sabiħ ta'ferħ u tama għad-dinja kollha.

*"Kristu wkoll bata għalikom u ħallielkom eżempju biex timxu fuq il-passi tiegħu. Hu li ma kien għamel ebda dnub, meta għajjruh ma weġibx bit-tagħjir; meta bata ma heddidx imma ħalla f'idejn l-Imħallef ġust. Hu tgħabba bi dnubietna sa fuq is-salib, biex aħna mmutu għad-dnubiet u ngħixu għall-ġustizzja. Bil-ġrieħi tiegħu intom fiqtu."* (1 Pietru 2, 21-24)

**Flimkien**

*Tista taqra r-rivista Flimkien online:*
*https://goo.gl/hz2umQ*

## *Xbieħa Ħajja ta' Ġesù*

*Mid-diskors tal-Arċisqof Charles J. Scicluna quddiem ix-xbieħa ta' Ġesù Redentur*

"Araw il-qaddej tiegħi […] jintrefa', jogħla u jkun 'il fuq minn kulħadd. Bħalma ħafna ndieħxu minnu, għax wiċċu tħassar, donnu ma kienx bniedem, u s-sura tiegħu ma kont tqisha ta' bniedem, hekk għad jistagħġbu ħafna ġnus minħabba fih" (Is 52, 13-15).

Aħna u nilmħu d-dehra ta' dix-xbieħa qaddisa u devota tar-Redentur, niftakru fil-kliem tal-profeta Isaija. Is-sura u l-bixra ta' Ġesù li mgħobbi bis-salib jaqa' fl-art, tfakkarna f'tant ħutna li huma mgħobbija bil-mard, bit-toqol tal-ħajja, bis-solitudni, forsi bid-dwejjaq. Tfakkarna li aħna lkoll imsejħin biex miegħu u bħalu nerfgħu s-salib tagħna. Hu stess qalilna: "Min irid jiġi warajja, jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum u jimxi warajja" (Mt 16, 24).

Aħna u nħarsu lejn ix-xbieħa qaddisa u għażiża tar-Redentur u ħarsitna tersaq lejn il-ħarsa tiegħu, dik il-kisra tal-għajnejn maħsula fid-dmugħ, idemmgħu għal dnubietna. Aħna ninġibdu lejh biex nitolbuh maħfra, biex nitolbuh ħniena ta' kemm-il darba ma rajniex ix-xbieħa tiegħu f'ħutna. Għax hu qalilna: "Kull ma tagħmlu mal-iżgħar fost dawn ħuti, intom tagħmluh miegħi" (Mt 25, 40).

U din hi l-grazzja li nitolbu llum aħna: li ninġibdu b'devozzjoni, b'imħabba lejn ix-xbieħa qaddisa tar-Redentur. Ejjew ma ninsewx li x-xbieħa ħajja tiegħu tinsab ukoll fil-proxxmu tagħna.Kemm tkun ħaġa qaddisa li d-devozzjoni tagħna lejh nuruha billi nħobbu lil xulxin u naħfru mill-qalb lil xulxin.



***Ejjew ma ninsewx li x-xbieħa ħajja tiegħu tinsab ukoll fil-proxxmu tagħna.***

### *Xogħol fil-Knisja*

Bejn il-15 ta' Jannar u t-2 ta' Marzu il-Knisja kienet magħluqa minħabba xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ. Nirringrazzjaw minn qalbna lil kull min ħadem għal sigħat twal biex tkun tista' terġa' tinfetaħ malajr. Kienu bosta dawk li taw minn ħinhom biex jaħdmu jew inaddfu b'mod volontarju u dawk li taw donazzjonijiet b'ġenerożità biex jitħallsu l-ispejjeż.

F'dawn is-7 ġimgħat tlesta d-dawl ġdid, kien iffinalizżat ix-xogħol fuq is-sistema tas-*sound*, sar it-tibjid tal-knisja u tiswija minn barra fejn kien jidħol l-ilma, sar adattament tal-battisteru biex ikun jista' jintuża għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-magħmudija kif ukoll tal-altar biex jidher aħjar bħala s-simbolu ċentrali ta' Ġesù fil-Knisja u kienet mibdula s-sistema tal-*air conditioning* li ma kienx jaqbel li tissewwa.

B'kollox intefqu madwar €27,000 li minnhom jonqos jinġabru €12,000 li huma l-ispiża tal-*air conditioners*.

GRAZZI!

## *Twelid Ġdid*

Il-magħmudija hija ġrajja importanti għall-Knisja kollha, għalina l-insara li nħossuna familja waħda u li għalhekk jinteressana mill-istorja li ngħixu. Kull tarbija li titgħammed timlina bil-ferħ għax il-familja tagħna għandha wild ġdid u l-esperjenza tal-magħmudija tagħha tfakkarna f'tagħna u ġġedded fina l-qawwa tal-esperjenza tal-imħabba t'Alla. Il-komunità nisranija miġbura fil-knisja, daknihar tal-magħmudija tagħna, laqgħetna fil-bieb tal-knisja u, permezz tas-saċerdot u tal-parrini, immarkatna bis-sinjal tas-salib li huwa l-għeżeż sinjal tal-insara. Dan ifakkarna li minn dak inhar il-ħajja tagħna hija mmarkata u mibdula mill-imħabba ta' Ġesù li ta ħajtu għalina.



Imbagħad, ħadna postna fil-knisja biex nisimgħu il-Kelma ta' Alla. Minkejja li dakinhar ma stajniex nifhmu dak li kien qed jinqara il-Mulej ried ikellimna sa minn ċkunitna sabiex nikbru fi mħabbtu bħalma t-tarbija titgħaxxaq u tikber meta tisma' leħen il-ġenituri tagħha. Wara li smajna kelmtu, il-Knisja daret lejn dawk li qabilna għexu ħajja fi ħbiberija miegħu u permezz tal-litanija tal-qaddisin talbithom ikunu qrib tagħna biex jiggwidawna. L-interċessjoni tal-qaddisin tfakkarna li l-Knisja mhix komunità marbuta biss ma' din id-dinja, iżda wkoll għaqda tal-aħwa li fosthom hemm min diġà ngħaqad m'Alla b'mod aktar sħiħ.

Aħna li għadna fil-mixja ta' din id-dinja aħna ddestinati għall-qdusija għax Alla ħalaqna xbieha tiegħu. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-qdusija tagħna tibda' minn dak inhar tal-magħmudija meta il-Missier jeħlisna minn Satana li jipprova jaħkimna. Id-dilka biż-żejt tal-katekumeni fuq sidirna, bħal dilka li tagħti ħajja ġdida lill-ġilda, ssaħħaħna u tgħinna niżolqu minn idejn ix-xitan li jrid jisirqilna l-libertà.

Imbagħad isir it-tberik tal-ilma b'talba ferm għażiża għall-Knisja. Iċ-ċelebrant jirrakkonta u jfakkar lil Alla l-Missier kemm għeġubijiet għamel mal-bnedmin permezz tal-ilma u jitolbu jbierek l-ilma li se jintuża għall-magħmudija biex, permezz tiegħu, l-imgħammdin ġodda jirċievu dawk il-grazzji kollha li sa mill-ħolqien tad-dinja ingħataw lill-bnedmin. Hekk it-tarbija li titgħammed issir parti mill-istorja tas-salvazzjoni għax flimkien ma' missirijietna tgħix il-ħolqien, it-tisfija tad-diluvju ta' żmien Noè, il-ħelsien mill-Eġittu permezz tal-qsim tal-baħar l-aħmar u l-esperjenza ta' Ġesu fil-magħmudija, fil-passjoni, l-mewt u l-qawmien mill-mewt.

Eżatt qabel il-magħmudija il-Knisja kollha stqarret il-fidi li fiha aħna tgħammidna. Permezz tal-magħmudija, ħajjitna twaħħdet

mal-ħajja divina tat-Trinità li hija għaqda ta' mħabba.

Il-battisteru mimli bl-ilma, qrib il-bieb, ifakkarna li permezz tal-magħmudija aħna dħalna fil-ħajja ta' Kristu u fil-Knisja bħala ġebel ħaj. Huwa simbolu tal-qabar ta' Kristu li minnu nqumu għal ħajja ġdida u tal-ġuf tal-Knisja li minnha, bħala omm, jitwieldu l-insara. Ħdejh jinsab dejjem il-blandun, magħmul mix-xema' u mbierek fil-velja tal-Għid, simbolu ta' Kristu li hu dawl tagħna u li jagħti ħajtu għalina.

Wara l-magħmudija fl-ilma jsiru diversi ġesti li jfiehmu dak li l-magħmudija għamlet f'ħajjitna. Id-dilka biż-żejt imħallat mal-fwieħa fuq rasna tfakkarna d-dinjità li rċevejna u l-fwieħa ta' Kristu li tbiddel ħajjitna kollha. Il-libsa l-bajda turina li ħajjitna issa hija ġdida u nadifa. Id-dawl mill-blandun li jfakkarna li Ġesù hu d-dawl li jmexxina. Is-sinjal tas-salib fuq il-widnejn u fuq il-fomm jgħidilna li bil-qawwa tal-magħmudija nirċievu l-grazzja li nisimgħu u nifhmu l-Kelma ta' Alla u l-kuraġġ biex inxandru s-sbuħija tagħha.

## *Kalendarju Marzu-April*

***Marzu***

**16** Ċelebrazzjoni Penitenzjali fil-Knisja fis-6.15pm.

**17** Dramm tal-Passjoni fil-Knisja fis-7pm.

**19-22** Eżerċizzi għal kulħadd b'temi meħuda mid-dramm tal-Passjoni wara l-quddiesa tas-6.15pm fil-Knisja.

**23** Festa ta' Marija Addolorata. Quddies fil-5.30am, 6.15am, f'nofsinhar u fis-6.15pm. Fis-7pm ssir purċissjoni bil-vara tad-duluri.

**24-25** Bazaar b'riżq il-Festa fid-dar parrokkjali.

**25** *Jibda l-ħin tas-sajf. Mil-lum il-quddiesa ta' filgħaxija tkun fis-7pm.*

**25** **Ħadd il-Palm –** Fit-8.30am issir it-tifkira tad-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm u quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ.

**26** **Via Sagra –** fi Triq San Pawl Milqi fis-7.30pm.

**27-28** **Katekeżi** għal kulħadd bi tħejjija għal-Għid il-Kbir fis-7.15pm fil-Knisja.

**29** **Ħamis ix-Xirka –** Liturġija tas-Sigħat fis-7.30am fil-Knisja.
Quddiesa tal-Ikla tal-Mulej bil-ħasil tar-riġlejn fis-7pm.
Adorazzjoni fil-Knisja sa nofsillejl.

**30** **Il-Ġimgħa l-Kbira –** Liturġija tas-Sigħat fis-7.30am fil-Knisja.
Azzjoni Liturġika fit-3pm.
*Jum ta' sawm u astinenza.*

**31** **Sibt il-Għid –** Liturġija tas-Sigħat fis-7.30am fil-Knisja.
Vġili tal-Għid il-Kbir fit-8pm.

***April***

**1 L-Għid il-Kbir –** Wara l-quddiesa tat-8.30am isir it-tberik tal-figolli u l-ħelu tal-Għid.

**Is-sibtijiet 14, 21 u 28 –** Katekeżi ta' żmien il-Għid għal kulħadd fis-6.30pm fil-Knisja.

Matul ix-xhur ta' April u Mejju jsir it-**Tberik tal-familji**. Kulħadd jirċievi nota minn qabel bid-data u l-ħin ta' meta jkun ġej is-saċerdot ibierek.